KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fis-7 ta' Novembru 2013 [1]

Kawża C-604/12

H. N.
vs
Minister for Justice, Equality and Law Reform

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda)]

"Sistema komuni Ewropea għall-asil — Direttiva 2004/83/KE — Standards minimi relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja — Direttiva 2005/85/KE — Standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat fl-Istati Membri — Regola ta' proċedura nazzjonali li tissuġġetta l-eżami tat-talba għall-protezzjoni sussidjarja għaċ-ċaħda minn qabel tat-talba għall-istatus ta' refuġjat — Ammissibbiltà — Osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba — Veloċità u imparzjalità tal-proċedura ta' eżami"

1. Dan ir-rinviju preliminari jqajjem, mill-ġdid, il-kwistjoni tal-organizzazzjoni tal-proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali fl-Irlanda u jidħol fil-linja tas-sentenzi M. [2] kif ukoll D. u A. [3].

2. B'mod partikolari, is-Supreme Court (l-Irlanda) qed tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk regola ta' proċedura nazzjonali li tissuġġetta l-eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja għaċ-ċaħda minn qabel ta' talba għall-istatus ta' refuġjat, tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/83/KE [4] u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [5].

3. Il-protezzjoni sussidjarja hija protezzjoni internazzjonali li, skont l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2004/83, hija maħsuba għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala refuġjati, iżda li fir-rigward tagħhom jeżistu raġunijiet serji u veri sabiex jitwemmen li jekk jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, jeżisti riskju reali li jsofru perikolu serju.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Sentenza tat- 22 ta' Novembru 2012 (C-277/11).

3 — Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013 (C-175/11).

4 — Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

5 — Iktar 'il quddiem il-"Karta".

4. Fil-kuntest tas-sistema komuni Ewropea għall-ażil, il-protezzjoni sussidjarja tikkompleta ir-regoli dwar l-istatus ta' refuġjat, stabbiliti permezz tal-Konvenzjoni dwar l-istatus tar-refuġjati[6]. Il-maġġoranza tal-Istati Membri, għaldaqstant, adottat proċedura komuni li permezz tagħha tiġi eżaminata t-talba għalażil imressqa mill-persuna kkonċernata fid-dawl taż-żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali. L-Irlanda, min-naħa tagħha, żammet sistema iktar maqsuma billi introduċiet żewġ proċeduri distinti. Konsegwentement, talba għal protezzjoni sussidjarja tista' titressaq fl-Irlanda biss wara li tkun ġiet eżawrita l-proċedura intiża għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat u kemm-il darba l-Minister for Justice, Equality and Law Reform ikun innotifika lill-persuna kkonċernata dwar l-intenzjoni tiegħu li jadotta, fir-rigward tiegħu, deċiżjoni għat-trasferiment tiegħu. Fil-kuntest ta' din is-sistema — bħal fil-kuntest ta' kwalunkwe sistema oħra, wara kollox —, individwu ma għandux il-possibbiltà li jressaq talba awtonoma intiża għas-sempliċi kisba tal-protezzjoni sussidjarja.

5. Huwa bis-saħħa ta' din il-liġi li l-Minister for Justice, Equality and Law Reform ċaħad it-talba għall-protezzjoni sussidjarja, imressqa minn H. N.

6. Dan tal-aħħar huwa ċittadin Pakistani li ilu joqgħod l-Irlanda mis-sena 2003. H. N. kien, qabel kollox, ibbenefika minn visa ta' student, qabel ma kiseb permess ta' residenza li kien validu sal-31 ta' Diċembru 2005, peress li kien iżżewweġ ċittadina Irlandiża. Fit-23 ta' Frar 2006, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform innotifika lill-H. N. dwar l-intenzjoni tiegħu li jadotta deċiżjoni ta' trasferiment lejn il-fruntiera peress li l-permess tiegħu ta' residenza ma kienx ġie mġedded, fejn H. N. kien issepara minn ma' martu. Madankollu dan tal-aħħar baqa' fit-territorju Irlandiż bħala student u kiseb diploma fix-xjenzi ekonomiċi fl-2007. Barra minn hekk, huwa ressaq kawża kontra l-Minister for Justice, Equality and Law Reform u l-Istat Irlandiż, fejn sostna li l-leġiżlazzjoni dwar it-trasferiment lejn il-fruntiera kienet tmur parzjalment kontra l-Kostituzzjoni.

7. H. N. qatt ma ressaq talba għall-ażil fl-Irlanda. Huwa jispjega li ma jibżax li jiġi ppersegwitat minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu, l-opinjonijiet politiċi tiegħu jew l-appartenenza tiegħu għal ċertu grupp soċjali u li, għaldaqstant, ma huwiex refuġjat fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83. Minkejja dan, huwa jsostni li hemm riskju li jsofri preġudizzji serji kieku kellu jintbagħat lura l-Pakistan, minħabba, b'mod partikolari, il-vjolenza għamja li tirrenja fil-wied ta' Swat, fejn toqgħod il-familja tiegħu.

8. Għalhekk, fis-16 ta' Ġunju 2009, H. N. ressaq talba għal protezzjoni sussidjarja. Il-Minister for Justice, Equality and Law Reform ċaħad din it-talba għar-raġuni li huwa ma kienx, preċedentement, ressaq talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat. Wara ċ-ċaħda tar-rikors għal annullament li kien ippreżenta kontra din id-deċiżjoni quddiem il-High Court (l-Irlanda), H. N. ippreżenta appell quddiem is-Supreme Court.

9. Peress li din ir-regola proċedurali tqajjem tħassib dwar l-effikaċja, l-imparzjalità kif ukoll it-tul tal-proċedura, is-Supreme Court iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Id-Direttiva [...] 2004/83/KE, interpretata fid-dawl tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, kif ipprovdut fl-Artikolu 41 tal-Karta [...], tippermetti lil Stat Membru li jipprovdi fil-liġi tiegħu li applikazzjoni għall-istat ta' protezzjoni sussidjarja tista' titqies biss jekk l-applikant ikun applika għal u ġie rrifjutat l-istat ta' refuġjat skont il-liġi nazzjonali?"

10. Fi kliem ieħor, fil-kuntest tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2004/83, l-osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba tobbliga lill-Istat Membru jintroduċi proċedura awtonoma, għall-finijiet tal-kisba tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja?

6 — Din il-konvenzjoni, li ġiet iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 [*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève")], daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954. Din il-konvenzjoni ġiet ikkompletata bil-Protokoll dwar l-istatus tar-refuġjati tal-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967.

11. Għalkemm id-domanda li qed tagħmel il-qorti tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċerna l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Irlandiża mad-dritt tal-Unjoni, hija tikkonċerna, fil-verità, regola proċedurali li wieħed jiltaqa' magħha fl-Istati Membri kollha. Fil-fatt, tkun kif tkun strutturata l-proċedura ta' eżami, kemm jekk din tkun ikkonċentrata fi proċedura unika kif ukoll jekk tkun proċedura bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità kompetenti nazzjonali dejjem teżamina jekk il-persuna kkonċernata hijiex eliġibbli għall-istatus ta' refuġjat, qabel ma teżamina jekk tistax tibbenefika minn protezzjoni sussidjarja. Għalhekk, f'dan is-sens, il-proċedura Irlandiża mhux li tant tiddistingwi ruħha mill-proċeduri stabbiliti fl-Istati Membri l-oħra. Barra minn hekk, l-ebda sistema ma tipprovdi, preżentement, l-introduzzjoni ta' proċedura awtonoma għall-finijiet tal-għoti tal-protezzjoni sussidjarja.

12. F'dawn il-konklużjonijiet, ser jiġu esposti r-raġunijiet li għalihom inqis li, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami ta' talba għalażil, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba għandu qabel kollox jiggarantixxi d-determinazzjoni korretta tal-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali, li teħtieġ evalwazzjoni komprensiva tat-talba fid-dawl taż-żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali. Ser nispjega, għalhekk, għalfejn ninsab konvint li, billi tirrikjedi l-eżami minn qabel tat-talba mill-perspettiva tal-kundizzjonijiet stabbiliti biex jinkiseb l-istatus ta' refuġjat, ir-regola proċedurali inkwistjoni tippermetti biex jiġi ggarantit lil min, b'mod leġittimu, qed ifittex il-protezzjoni internazzjonali, l-għoti ta' status xieraq kif ukoll l-aċċess effettiv għad-drittijiet konċessi lilu permezz tad-Direttiva 2004/83, u dan abbażi ta' eżami li huwa konformi mal-ispirtu u mat-testi li jirregolaw is-sistema ta' żil Ewropew komuni.

I – Id-dritt Irlandiż

13. Fl-Irlanda, il-proċedura ta' eżami ta' talba għal protezzjoni internazzjonali hija kkaratterizzata minn għadd ta' stadji proċedurali.

14. Ir-regoli proċedurali applikabbli għat-talbiet biex jinkiseb l-istatus ta' refuġjat ġew stabbiliti permezz tal-Liġi tal-1996 dwar ir-refuġjati (Refugee Act 1996[7]).

15. Skont l-Artikolu 8 tal-liġi dwar ir-refuġjati, it-talba għal żil għandha titressaq quddiem ir-Refugee Applications Commissioner. L-Artikolu 11 ta' din il-liġi jistabbilixxi li dan il-membru tal-Office of the Refugee Applications Commissioner (dipartiment ta' kummissarju inkarigat mit-talbiet għal żil) għandu l-inkarigu li jiltaqa' mal-applikant kif ukoll li jwettaq l-investigazzjonijiet u li jitlob l-informazzjoni meħtieġa. Sussegwentement, l-imsemmi membru jirrediġi rapport fejn jagħmel rakkomandazzjoni pożittiva jew negattiva dwar l-għoti tal-istatus ta' refuġjat lill-applikant ikkonċernat u jikkomunika dan ir-rapport lill-Minister for Justice, Equality and Law Reform[8].

16. Skont l-Artikolu 17(1) tal-liġi dwar ir-refuġjati, jekk ir-rakkomandazzjoni tar-Refugee Applications Commissioner tkun pożittiva, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform għandu l-obbligu li jagħti l-istatus ta' refuġjat lill-applikant ikkonċernat. Fil-każ fejn ikun ġie rrakkomandat li l-applikant ma jingħatax l-istatus ta' refuġjat, dan tal-aħħar jista', skont l-Artikolu 16 ta' din il-liġi, jappella r-rakkomandazzjoni quddiem ir-Refugee Appeals Tribunal (l-Irlanda). Fil-każ li dan tal-aħħar jagħti raġun lill-applikant għal żil u jqis li r-rakkomandazzjoni għandha tkun pożittiva, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform għandu l-obbligu, skont l-Artikolu 17(1) tal-imsemmija liġi, li jagħti l-istatus ta' refuġjat. F'każ kuntrarju, jekk ir-Refugee Appeals Tribunal jikkonferma r-rakkomandazzjoni negattiva tar-Refugee Applications Commissioner, il-Ministru jkollu setgħa diskrezzjonali li tippermettilu li jiddeċiedi jekk jagħtix jew le dan l-istatus.

7 — Il-liġi kif emendata permezz tal-Artikolu 11(1) tal-Liġi tal-1999 dwar l-immigrazzjoni (Immigration Act 1999), permezz tal-Artikolu 9 tal-Liġi tal-2000 dwar l-immigrazzjoni klandestina [Illegal Immigrants (Trafficking) Act 2000], kif ukoll permezz tal-Artikolu 7 tal-Liġi tal-2003 dwar l-immigrazzjoni (Immigration Act 2003) (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar ir-refuġjati").

8 — Artikolu 13 tal-imsemmija liġi.

17. Skont l-Artikolu 5 tal-Liġi tal-2000 dwar l-immigrazzjoni klandestina, l-applikanti għal ażil jistgħu jikkontestaw il-validità tar-rakkomandazzjonijiet tar-Refugee Applications Commissioner u tad-deċiżjonijiet tar-Refugee Appeals Tribunal quddiem il-High Court, suġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-kawżi li jikkonċernaw it-talbiet għal ażil. Skont din id-dispożizzjoni, jista' jiġi ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-High Court quddiem is-Supreme Court biss jekk il-High Court innifisha tagħti sentenza li tawtorizza dan ir-rikors ("certificate of leave to appeal").

18. Meta t-talba għal ażil tkun ġiet definittivament miċħuda, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform jista' jinnotifika lill-persuna kkonċernata dwar l-intenzjoni tiegħu li jadotta deċiżjoni ta' trasferiment lejn il-fruntiera ("proposal to deport"), skont l-Artikolu 3(3) tal-liġi tal-1999 dwar l-immigrazzjoni.

19. Huwa f'dan l-istadju tal-proċedura li japplikaw id-dispożizzjonijiet relatati mal-proċedura li tirregola t-talbiet għal protezzjoni sussidjarja. Dawn jirriżultaw mir-Regolament tal-2006 relatat mal-Komunitajiet Ewropej (eliġibbiltà għal protezzjoni) [European Communities (Eligibility for Protection) Regulations 2006], adottat mill-Minister for Justice, Equality and Law Reform tad-9 ta' Ottubru 2006, bl-għan, b'mod partikolari, tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/83 [9].

20. Skont l-Artikolu 4(1) tar-regolament tal-2006, in-notifika tal-Minister for Justice, Equality and Law Reform, tinkludi avviż li jinforma lill-persuna kkonċernata li tista' titlob l-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja kif ukoll awtorizzazzjoni temporanja biex tibqa' fit-territorju ("application for leave to remain"). Għal dan il-għan, jiġu mehmuża ma' dik l-ittra avviż ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni sussidjarja kif ukoll il-formola li tippermetti li titressaq it-talba. Minbarra l-informazzjoni personali, l-applikant jiġi mistieden jikkomunika d-dokumenti supplimentari kollha u jagħti d-dettalji tar-raġunijiet relatati speċifikament maċ-ċirkustanzi invokati insostenn tat-talba tiegħu għall-protezzjoni sussidjarja, billi jippreċiża, b'mod partikolari, il-perikolu serju li jista' jġarrab jekk imur lura fil-pajjiż tiegħu ta' oriġini.

21. Il-Minister for Justice, Equality and Law Reform jiddeċiedi dwar it-talba għal protezzjoni sussidjarja permezz ta' deċiżjoni mmotivata. Din tal-aħħar tista' tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament.

22. Abbażi tal-Artikolu 4(2) tar-regolament tal-2006, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform ma għandux l-obbligu li jeżamina talba għal protezzjoni sussidjarja meta din tal-aħħar titressaq minn persuna li t-talba tagħha għal ażil ma ġietx miċħuda. Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2010, Izevbeckhai *et* vs Minister for Justice, Equality and Law Reform [10], is-Supreme Court indikat li, b'mod konformi ma' din id-deċiżjoni, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform jista' jeżamina biss it-talbiet għal protezzjoni sussidjarja mressqa minn persuni li t-talba tagħhom għal ażil tkun ġiet preċedentement miċħuda.

II – L-analiżi tiegħi

23. Infakkar li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk regola proċedurali nazzjonali li tissuġġetta l-eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja, għaċ-ċaħda minn qabel ta' talba għall-istatus ta' refuġjat tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/83 u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta.

24. Fl-opinjoni tiegħi, huwa evidenti li din id-domanda jistħoqqilha risposta fil-pożittiva.

9 — Iktar 'il quddiem ir-"regolament tal-2006".

10 — [2010] IESC 44.

A – *L-osservazzjonijiet preliminari*

25. Qabel ma tiġi eżaminata d-domanda, nixtieq nagħmel żewġ osservazzjonijiet.

26. L-ewwel nett, id-domanda li qed tagħmel il-qorti tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja titlob li jittieħdu inkunsiderazzjoni regoli oħra tad-dritt minbarra dawk speċifikament imsemmija mis-Supreme Court fid-deċiżjoni tagħha tar-rinviju [11]. Jekk hija ssejjes id-domanda tagħha fuq id-drittijiet mogħtija lil applikant għalażil permezz tad-Direttiva 2004/83 u permezz tal-Artikolu 41 tal-Karta, fl-opinjoni tiegħi jeħtieġ ukoll li jiġu evokati r-regoli tal-proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, stabbiliti permezz tad-Direttiva 2005/85/KE [12].

27. Fil-fatt, id-Direttiva 2004/83 ma hijiex intiża, permezz tal-kontenut u l-għan aħħari tagħha, li tippreskrivi regoli ta' proċedura applikabbli għall-eżami ta' talba għal protezzjoni internazzjonali u lanqas, għalhekk, li tiddetermina l-garanziji proċedurali li għandhom, f'dan is-sens, jingħataw lill-applikant għalażil [13]. Din id-direttiva għandha biss l-għan li tistabbilixxi kriterji komuni għall-Istati Membri kollha għal dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet sostantivi li għandhom jissodisfaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni internazzjonali [14] kif ukoll il-kontenut sostantiv ta' din il-protezzjoni [15]. Huwa f'dan il-kuntest li d-Direttiva 2004/83 tistabbilixxi, fl-Artikolu 2(ċ) u (e), il-persuni li jistgħu jibbenefikaw mill-istatus ta' refuġjat mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja, kif ukoll, fil-Kapitoli VII tagħha, id-drittijiet li huma inerenti għal kull wieħed minn dawn l-istatus.

28. Ir-regoli proċedurali dwar l-eżami tat-talba għal protezzjoni internazzjonali huma stabbiliti fid-Direttiva 2005/85. Skont l-Artikolu 1 tagħha, din tal-aħħar għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat u tippreċiża, fil-Kapitoli II u III tagħha, id-drittijiet u l-obbligi proċedurali imposti fuq l-applikant u fuq l-Istat Membru għall-evalwazzjoni tat-talba għal protezzjoni internazzjonali.

29. Għaldaqstant, il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tat-termini u tal-għan aħħari tad-Direttiva 2004/83, iżda wkoll billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-kuntest tad-Direttiva 2005/85.

30. It-tieni net, id-domanda li tagħmel il-qorti tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja titlob li titqies l-awtonomija proċedurali li għandha l-Irlanda għal dak li għandu x'jaqsam mal-organizzazzjoni tat-trattament tat-talbiet għal protezzjoni internazzjonali. Fil-fatt, għandu jiġi ppreċiżat li, skont il-liġi eżistenti applikabbli għall-kawża preżenti, l-Unjoni Ewropea ma tirregolax il-modalitajiet proċedurali relatati mal-eżami tat-talba għal protezzjoni sussidjarja, meta dan l-eżami jaqa' taħt proċedura distinta minn dik intiża għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat.

11 — Infakkar li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali, stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża miġjuba quddiemu. Minn din il-perspettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li għalihom il-qorti nazzjonali ma tkunx għamlet riferiment fid-domandi preliminari tiegħu, inkwantu dawn ir-regoli jkunu meħtieġa għall-finijiet tal-eżami tal-kawża prinċipali [ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Banco Bilbao Vizcaya Argentaria (C-157/10, Ġabra p. I-13023, punti 18 sa 20 u l-ġurisprudenza ċċitata)].

12 — Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 175M, p. 168).

13 — Sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq (punt 73).

14 — Ara l-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva.

15 — Ara l-punt 19 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża li tat lok għas-sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq, kif ukoll is-sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq (punt 72).

31. L-istess bħad-Direttiva 2004/83, id-Direttiva 2005/85 hija intiża għall-armonizzazzjoni minima tar-regoli. Għalhekk, hija tirrikonoxxi lill-Istati Membri marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fl-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet, u b'mod partikolari fl-organizzazzjoni tat-trattament tat-talbiet għalażil [16]. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, din tal-aħħar tapplika biss meta Stat Membru jeżamina talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat jew meta dan tal-aħħar ikun stabbilixxa proċedura unika li permezz tagħha jeżamina t-talba fid-dawl taż-żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali, jiġifieri dik relatata mal-istatus ta' refuġjat u dik relatata mal-protezzjoni sussidjarja.

32. Id-Direttiva 2005/85 tagħti għalhekk il-libertà kollha lill-Istati Membri biex jorganizzaw il-proċedura ta' eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja, meta dawn tal-aħħar ikunu għażlu li jeżaminaw din it-talba fil-kuntest ta' proċedura distinta minn dik li l-għan tagħha jkun li jinkiseb l-istatus ta' refuġjat, kif huwa l-każ fl-Irlanda.

33. Għal din ir-raġuni, dan ir-riferiment għall-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri hija tradizzjonalment mittiefsa mill-obbligu tal-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [17] u mill-ħtieġa li tiġi ggarantita l-osservanza tad-drittijiet fundamentali.

34. Il-prinċipju ta' ekwivalenza jirrikjedi li r-regoli proċedurali adottati f'dan il-kuntest mill-Istati Membri ma jkunux inqas favorevoli minn dawk previsti għal azzjoni simili msejsa fuq id-dritt nazzjonali. Fil-każ preżenti, din il-kwistjoni ma tqumx.

35. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, dan jirrikjedi li dawn il-modalitajiet proċedurali ma jrendux impossibbli, fil-prattika, jew eċċessivament diffiċli, l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni lill-persuna kkonċernata. Fil-kawża preżenti, huwa meħtieġ, għalhekk, li jiġi eżaminat jekk ir-regola proċedurali inkwistjoni tiggarantixxix aċċess effettiv lil persuni li jkunu qed jitolbu l-protezzjoni internazzjonali għad-drittijiet mogħtija lilhom permezz tad-Direttiva 2004/83.

36. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiggarantixxu l-osservanza tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni meta jadottaw deċiżjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan huwa l-każ tad-deċiżjonijiet relatati mal-eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja [18]. Ma hemm l-ebda dubju għalhekk li l-awtoritajiet Irlandiżi għandhom jiżguraw l-osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba tal-persuni kkonċernati, mhux biss għaliex dan id-dritt jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [19], iżda wkoll għaliex dan huwa dritt fundamentali stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta. Għalkemm il-kliem tal-Artikolu 41(1) tal-Karta jirreferu għar-relazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża mal-"istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni [20]", inqis, fil-fatt, li d-dritt għal amministrazzjoni jirriżulta bl-istess mod għall-Istati Membri meta dawn tal-aħħar jimplementaw id-dritt tal-Unjoni [21].

16 — Ara, f'dan ir-rigward, il-premessa 11 tad-Direttiva 2005/85 kif ukoll is-sentenza D. u A., iċċitata iktar 'il fuq (punti 62 sa 66).

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-10 ta' Settembru 2013, G. u R. (C-383/13 PPU, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(3) TUE. Ara wkoll, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, N. S. *et* (C-411/10 u C-493/10, Ġabra p. I-13905, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, punti 18 sa 21), kif ukoll G. u R., iċċitata iktar 'il fuq (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll il-punt 111 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-6 ta' Settembru 2011, Scatollon (C-108/10, Ġabra p. I-7491), kif ukoll il-punti 32 u 114 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża li tat lok għas-sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq.

19 — Ara l-ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta tad-drittijiet fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17), relatati mal-Artikolu 41 ta' din tal-aħħar li "[l]-Artikolu 41 huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' l-Unjoni bħala komunità bbażata fuq l-istat tad-dritt li l-karatteristiċi tiegħu kienu ġew żviluppati fil-każistika li għamlet, b'mod partikolari, l-amministrazzjoni tajba bħala prinċipju ġenerali tal-liġi (ara, *inter alia*, [is-sentenza tal-31 ta' Marzu 1992, Burban vs Il-Parlament, C-255/90, Ġabra 1992, p. I-2253])". Ara wkoll, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Sopropé (C-349/07, Ġabra p. I-10369, punti 33 u 38).

20 — Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Cicala (C-482/10, Ġabra p. I-14139, punt 28).

21 — Ara l-ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta, relatati mal-Artikolu 51(1) tagħha kif ukoll is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Dereci *et* (C-256/11, Ġabra p. I-11315, punt 72), kif ukoll M., iċċitata iktar 'il fuq (punti 82 sa 84).

37. Huwa abbażi ta' dawn l-elementi li issa ser neżamina jekk ir-regola proċedurali inkwistjoni hijiex kompatibbli mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2004/83, billi jiġu sodisfatti l-prinċipji ta' effettività u ta' amministrazzjoni tajba.

B – *Dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' effettività*

38. Inqis li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tiggarantixxi lill-applikant għal ażil aċċess effettiv għad-drittijiet mogħtija lilu permezz tad-Direttiva 2004/83, abbażi ta' eżami li huwa konformi mal-ispirtu u mat-testi li jirregolaw is-sistema ta' ażil Ewropew komuni.

39. Qabel kollox, billi tirrikjedi eżami minn qabel tat-talba għal protezzjoni internazzjonali fid-dawl tal-kundizzjonijiet li jistabbilixxu l-istatus ta' refuġjat, din ir-regola tiżgura bis-sħiħ l-osservanza tal-Artikolu 78 TFUE.

40. Għandu jitfakkar li d-Direttivi 2004/83 u 2005/85 ġew adottati abbażi tal-ewwel punt tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 63 KE (l-Artikolu 78 TFUE l-ġdid), li jistabbilixxi li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kellu l-kompitu li jiddeċiedi miżuri dwar l-ażil abbażi tal-"applikazzjoni sħiħa u inklussiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra [22]". Dawn iż-żewġ direttivi għalhekk jikkontribwixxu biex tiġi stabbilita sistema ta' ażil Ewropew komuni li, b'mod konformi mal-Artikolu 78(1) TFUE, għandha tkun konformi ma' din il-konvenzjoni.

41. L-imsemmija konvenzjoni tikkostitwixxi trattat tad-dritt internazzjonali, li bħala tali, għandha saħħa vinkolanti fir-rigward tal-partijiet kontraenti kollha, fosthom l-Istati Membri tal-Unjoni. Kif jirrikonoxxi l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-premessa 3 tad-Direttiva 2004/83, hija tikkostitwixxi l-bażi tad-dritt internazzjonali tar-refuġjati, peress li din tal-aħħar tiddefinixxi l-kunċett stess ta' refuġjat kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi inerenti f'dan l-istatus. Huwa sabiex jikkumplimenta r-regoli stabbiliti fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Genève li l-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali, li fosthom wieħed isib il-protezzjoni sussidjarja. L-Artikolu 78(2)(a) u (b) TFUE jippreċiża għalhekk li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-miżuri relatati ma' sistema komuni Ewropea għall-ażil li tinkludi mhux biss "status uniformi ta' ażil għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha", iżda wkoll "status uniformi ta' protezzjoni sussidjarja għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li, *mingħajr ma jiksbu ażil Ewropew*, jeħtieġu protezzjoni internazzjonali [23]".

42. L-użu tal-kelma "sussidjarja" kif ukoll il-kliem tal-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2004/83 jindikaw, mingħajr ambigwità, li l-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja huwa indirizzat lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet rikjesti biex għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat [24]. L-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2005/85 jżid, barra minn hekk, li huwa preżunt li kwalunkwe talba għal protezzjoni internazzjonali, imressqa abbażi tad-Direttiva 2004/83, hija talba għal ażil fis-sens tal-Konvenzjoni ta' Genève.

43. Konsegwentement, l-introduzzjoni ta' forma sussidjarja ta' protezzjoni fil-kuntest tas-sistema ta' ażil Ewropew komuni, ma tfissirx li l-leġiżlatur għandu l-intenzjoni li joffri l-possibbiltà ta' għażla bejn forma jew oħra ta' protezzjoni internazzjonali. L-għan tiegħu huwa li jiżgura l-"prevalenza" tal-Konvenzjoni ta' Genève billi jiżgura li l-forom sussidjarji ta' protezzjoni stabbiliti fl-Unjoni ma jnaqqsux mill-portata essenzjali ta' din il-konvenzjoni. Dan l-għan aħħari jirriżulta b'mod ċar mix-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2004/83. Fil-proposta tagħha għad-direttiva [25], il-Kummissjoni

22 — Ara l-premessa 2 tad-Direttiva 2004/83.

23 — Il-korsiv miżjud minni.

24 — Ara l-premessi 5 u 24 tad-Direttiva 2004/83.

25 — Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar standards minimi relatati mal-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat, għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, jew persuni li, għal raġunijiet oħra, għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali u dwar il-kontenut ta' dawn l-istatus [COM(2001) 510 finali]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Ewropea indikat li l-"eżami li għandu l-għan li jiddetermina jekk l-applikant jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' protezzjoni sussidjarja normalment isir biss meta jiġi stabbilit li dak l-applikant ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat[26]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], bil-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-"applikazzjoni ġenerali u kompluta tal-Konvenzjoni ta' Genève[27]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u l-ħtieġa biex ma tiddgħajjifx is-sistema stabbilita permezz ta' din tal-aħħar.

44. Bħala prinċipju, il-protezzjoni offruta mill-istatus ta' refuġjat għandha għalhekk tiġi eżaminata fl-ewwel lok, peress li forom oħra ta' protezzjoni li jikkwalifikaw bħala "sussidjarji", "kumplimentari" jew anki "temporanji" ġew introdotti mil-leġiżlatur tal-Unjoni biex jikkumplimentaw ir-regoli stabbiliti fil-kuntest ta' din il-konvenzjoni[28].

45. Għandu jiġi osservat li din l-interpretazzjoni għandha wkoll tingħata meta l-applikant ma jistax manifestament jitqies li huwa refuġjat fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83, li huwa dak li qed jiġi invokat minn H. N. fil-kawża preżenti. Fil-fatt, f'tali ipoteżi, l-Artikolu 23(4)(b) tad-Direttiva 2005/85 jipprovdi espressament li l-Istat Membru jista' jaċċellera l-eżami relatat mal-kundizzjonijiet rikjesti għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat, iżda, fi kwalunkwe każ, il-leġiżlatur ma jeżentahx minn dan l-eżami minn qabel[29], u bir-raġun. Huwa biss l-imsemmi eżami li jippermetti li l-persuna kkonċernata tingħata "status xieraq", skont l-Artikolu 78(1) TFUE. Fil-fatt, huwa jippermetti lil kull Stat Membru jipproċedi għal evalwazzjoni komprensiva tat-talba, biex tkun tista' tiġi stabbilita konkretament il-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali tal-persuna kkonċernata. Dan jeħtieġ li l-awtorità nazzjonali determinanti tkun tista', qabel l-eżami tat-talba għal protezzjoni sussidjarja, taċċerta ruħha li t-theddida li tagħha l-persuna kkonċernata tqis li hija vittma, ma taqax iktar fl-ambitu tal-"persekuzzjoni", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83, u li ma hemmx il-ħtieġa li jingħatalha l-istatus ta' refuġjat.

46. F'dan ir-rigward, wieħed ma jridx jinsa li, taħt id-Direttiva 2004/83, l-istatus ta' refuġjat joffri drittijiet u vantaġġi ekonomiċi u soċjali iktar estiżi minn dawk li jirriżultaw mill-għoti tal-protezzjoni sussidjarja[30]. Konsegwentement, din l-evalwazzjoni minn qabel tippermetti wkoll li jiġi ggarantit il-massimu tad-drittijiet għall-benefiċċju tal-persuna kkonċernata. Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha M., iċċitata iktar 'il fuq, in-natura tad-drittijiet inerenti għall-istatus ta' refuġjat u dik tad-drittijiet inerenti għall-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja huma fil-fatt differenti[31]. Fil-Kapitolu VII tagħha, intitolat "Kontenut ta' protezzjoni internazzjonali", id-Direttiva 2004/83 tagħmel distinzjoni skont jekk il-persuna kkonċernata hijiex refuġjata jew

26 — Paġna 15.

27 — *Idem.* Fl-opinjoni tagħha dwar "Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar standards minimi relatati mal-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat, għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, jew persuni li, għal raġunijiet oħra, għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali u dwar il-kontenut ta' dawn l-istatus" (ĠU 2002, C 221, p. 43), il-Kumitat ekonomiku u soċjali Ewropew, issolleva, barra minn hekk, ir-"regola ta' prijorità imfakkra mill-Kummissjoni stess, jiġifieri li huwa dejjem l-istatus ta' refuġjat li għandu, fl-ewwel lok, jiġi eżaminat fil-mument tal-eżami tat-talba, filwaqt li l-protezzjoni sussidjarja ma tistax tkun mezz kif tiddgħajef il-protezzjoni mogħtija permezz tal-istatus ta' refuġjat" (punt 2.3.5). [traduzzjoni mhux uffiċjali]

28 — Ara d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE, tal-20 ta' Lulju 2001, dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 162).

29 — Din id-dispożizzjoni tipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu [...] jistabbilixxu li tiġi prijoritizzata jew aċċelerata proċedura ta' eżami konformement mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II jekk:
[...]
b) l-applikant ma jikkwalifikax, b'mod ċar, bħala rifuġjat jew għall-istatus ta' rifuġjat fi Stat Membru taħt id-Direttiva 2004/83/KE [...]".

30 — Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, p. 60), telimina d-differenzi eżistenti bejn il-livell tad-drittijiet mogħtija lir-refuġjati u lill-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja, li ma jistgħux jitqiesu iktar bħala ġġustifikati. L-emendi jikkonċernaw it-tul tal-permessi ta' residenza u l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, għall-kura tas-saħħa u għas-suq tax-xogħol.

31 — Ara l-punt 92 ta' din is-sentenza.

tibbenefikax mill-protezzjoni sussidjarja [32]. Fir-rigward tal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja, hija tawtorizza lill-Istati Membri jadottaw kundizzjonijiet iktar restrittivi għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ ta' permessi ta' residenza jew dokumenti tal-ivvjaġġar [33]. B'hekk, għalkemm l-Istati Membri huma marbuta li jagħtu lir-refuġjati permess ta' residenza għal perijodu minimu ta' tliet snin, huma jistgħu jillimitaw il-perijodu ta' dan il-permess għal sena, kemm-il darba dan ikun qed jingħata lil individwu li jkun qed jibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja. L-imsemmija direttiva tawtorizza wkoll lill-Istati Membri jillimitaw l-aċċess għal ċerti drittijiet ekonomiċi u soċjali bħalma huwa l-aċċess għas-suq tax-xogħol jew għall-protezzjoni soċjali [34]. Għalhekk, għalkemm l-Istati Membri huma marbuta li jagħtu lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali l-istess assistenza soċjali meħtieġa, bħal dik prevista għaċ-ċittadini nazzjonali, huma jistgħu madankollu jillimitaw din l-assistenza għall-benefiċċji essenzjali, għal dak li għandu x'jaqsam mal-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja.

47. Għandu jiġi kkonstatat li huwa fl-interess tal-istess applikant għal ażil, li t-talba tiegħu tiġi eżaminata fid-dawl tal-kundizzjonijiet li jistabbilixxu l-istatus ta' refuġjat. Għalhekk ma nifhimx ir-raġunijiet li wasslu għall-aġir ta' H. N. f'din il-kawża.

48. F'dan ir-rigward, naħseb li ma huwiex il-kompitu tal-applikant għal ażil li jiddetermina l-istatus li huwa l-iktar xieraq għas-sitwazzjoni tiegħu. Dan jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-awtorità nazzjonali determinanti li, abbażi tal-informazzjoni miġbura mingħand il-persuna kkonċernata u s-servizzi tagħha, tressaq it-talba abbażi tar-regoli stabbiliti fil-kuntest tad-Direttivi 2004/83 u 2005/85.

49. Wieħed irid iżomm f'moħħu li d-deċiżjoni li tintlaħaq hija ta' importanza vitali għal dak li, b'mod leġittimu, qed ifittex li jikseb il-protezzjoni internazzjonali. Lanqas ma rridu ninsew li dan tal-aħħar ikun jinsab f'qagħda umana u materjali diffiċli ħafna u li l-proċedura li jistitwixxi quddiem l-awtoritajiet tal-Istat għandha tippermetti li tiżguralu l-preżervazzjoni tal-iktar drittijiet essenzjali tiegħu. Issa, ma hemmx wisq probabbiltà li l-persuna kkonċernata dejjem tkun f'qagħda li tiddetermina jekk is-sitwazzjoni li tinsab fiha tissodisfax il-kriterji stabbiliti biex ikun jista' jinkiseb l-istatus ta' refuġjat jew tissodisfax iktar il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-għoti ta' protezzjoni sussidjarja. Il-linja ta' demarkazzjoni bejn iż-żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali tista' tkun delikata ħafna, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jikkaratterizzaw irwieħhom minn vjolenza għamja fir-rigward ta' ċerti gruppi, li, fil-verità, dejjem jitlob mingħand l-awtoritajiet nazzjonali determinanti, li jipproċedu għal eżami dettaljat u rigoruż tad-dikjarazzjonijiet u tal-provi prodotti mill-applikant. Wieħed irid iqis ukoll il-miżerja psikoloġika li x'aktarx jinsab fiha l-applikant għal ażil u d-diffikultajiet li jista' jiltaqa' magħhom, minħabba l-lingwa tiegħu pereżempju, mhux biss biex jifhem ir-regoli proċedurali, iżda wkoll biex jifhem id-drittijiet u l-obbligi li jaqgħu fuqu. F'dan ir-rigward, huma bosta dawk li ma għandhomx mexxi sabiex igawdu minn assistenza ġudizzjarja. Għal din ir-raġuni ma nistgħux nieħdu r-riskju li individwu li jkun qed ifittex ir-rifuġju, jonqos milli jressaq talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, għalkemm ikollu d-dritt li jagħmel dan.

50. Fl-aħħar nett, ma rridux ninsew li din l-evalwazzjoni minn qabel tippermetti li tiġi eżawrita l-proċedura għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali, biex b'hekk jiġi żgurat li l-ebda talba oħra ma titressaq fl-Unjoni u konsegwentement jiġu limitati l-movimenti sekondarji tal-applikanti għal ażil fit-territorju tal-Unjoni, fenomenu iktar magħruf bl-isem ta' "asylum shopping [35]".

32 — Dan il-kapitolu jagħti dettalji, b'mod partikolari, dwar il-kundizzjonijiet li taħthom il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jistgħu jiksbu l-permess ta' residenza kif ukoll id-dokumenti għall-ivvjaġġar u jista' jkollhom aċċess għax-xogħol, għall-edukazzjoni, għall-protezzjoni soċjali, għall-kura tas-saħħa kif ukoll għall-akkomodazzjoni.

33 — Ara, rispettivament, l-Artikoli 24 u 25 ta' din id-direttiva.

34 — Ara, rispettivament, l-Artikoli 26 u 28 tad-Direttiva 2004/83.

35 — Dan il-fenomenu jirriżulta mid-differenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali. Huwa jiddeskrivi s-sitwazzjoni tal-applikant għal ażil li, meta jidħol fi Stat Membru li huwa responsabbli mill-eżami tat-talba tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, jiddeċiedi madankollu li jressaqha fi Stat Membru ieħor għaliex iktar ikun hemm possibbiltà li din it-talba tiġi aċċettata jew għax jidhirlu li l-kundizzjonijiet bħala pajjiż ospitanti jkunu iktar favorevoli.

51. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, huwa għalhekk diffiċli nikkondividi l-opinjonijiet espressi minn H. N. u mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħhom. Dawn tal-aħħar iqisu, fil-fatt, li, fid-dawl tat-testi applikabbli, l-Irlanda kellha tintroduċi proċedura awtonoma għall-finijiet tal-kisba tal-istatus mogħti permezz tal-proċedura sussidjarja.

52. Fid-dawl tal-elementi preċedenti, tali interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt, tista', fl-opinjoni tiegħi tmur kontra l-ispirtu li fuqu hija msejsa s-sistema tal-ażil komuni Ewropea u, b'mod partikolari, l-għan aħħari u t-termini tal-Artikolu 78 TFUE u tad-Direttivi 2004/83 u 2005/85.

53. Qabel kollox, hemm ir-riskju li tiġi ppreġudikata l-prevalenza tal-Konvenzjoni ta' Genève, inkwantu l-forom sussidjarji ta' protezzjoni jistgħu jwasslu biex idgħajfu l-portata essenzjali ta' din il-konvenzjoni. Sussegwentement, tista' tagħti lok għall-armonizzazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-ażil fil-mira tal-leġiżlatur tal-Unjoni [36], biex b'hekk jitħeġġu l-movimenti sekondarji tal-applikanti għal ażil, li kontrihom l-Unjoni impenjat ruħha li tissielet. Fil-fatt, kif josserva l-Gvern Ġermaniż fl-osservazzjonijiet tiegħu, ma nistgħux neskludu r-riskju li applikant għal ażil jitlob li jibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja fi Stat Membru li ma huwiex dak responsabbli mill-proċedura ta' ażil u li l-istess sitwazzjoni tiġi għalhekk eżaminata b'mod parallel f'żewġ Stati Membri, taħt żewġ sistemi ġuridiċi differenti.

54. Barra minn hekk, u ċertament dan huwa l-iktar argument b'saħħtu, l-introduzzjoni ta' proċedura awtonoma ma tippermettix li tiġi ggarantita l-evalwazzjoni komprensiva tat-talba għal protezzjoni internazzjonali, li madankollu hija l-garanzija tad-drittijiet mogħtija lill-applikant għal ażil fil-kuntest tad-Direttiva 2004/83. Fi kliem ieħor, ikun hemm ir-riskju li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-iżjed persuni vulnerabbli tiġi ppreġudikata serjament. Is-sistema li l-Kummissjoni tiddefendi fil-fatt tagħti lok li jiġi evitat stadju indispensabbli għall-garanzija tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati. Ċertament, il-Kummissjoni osservat waqt is-seduta li s-sitwazzjoni li fiha l-parti kkonċernata ma tippreżentax talba hija marġinali. Issa, dan huwa argument li nirrifjuta li nieħu inkunsiderazzjoni, ġaladarba evidentement ma jingħatax lok għat-teħid inkunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna minħabba l-fatt li biss numru żgħir ta' persuni jkun vittma ta' dan.

55. Fl-aħħar nett, naħseb li lil hinn min-nuqqas ta' bażi legali, ma jagħmilx sens li l-Irlanda tintalab tintroduċi proċedura awtonoma għall-finijiet ta' kisba tal-istatus mogħti permezz tal-proċedura sussidjarja, minkejja li l-Istati Membri għandhom, preżentement, ikollhom "konċentrazzjoni tal-proċeduri". Fil-fatt, l-evalwazzjoni tagħna ma tkunx komprensiva jekk ma jingħad xejn dwar l-għanijiet li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tat-tieni fażi tas-sistema ta' ażil Ewropew komuni, u b'mod partikolari tad-Direttiva 2013/32 il-ġdida, anki jekk dan it-test ma huwiex applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali [37].

56. Fil-fatt, b'mod konformi mal-premessa 11 tagħha, din id-direttiva tistabbilixxi proċedura unika biex tiggarantixxi l-evalwazzjoni komprensiva u effikaċi tal-ħtiġijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-applikanti għal ażil. L-Artikolu 10(2) tal-imsemmija direttiva tipprovdi, preżentement li, "[m]eta teżamina l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, l-awtorità determinanti għandha *l-ewwel* tiddeċiedi jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala rifuġjati u, *jekk le*, jiddeċiedu jekk l-applikanti humiex

36 — Ara, b'mod partikolari, il-premessi 6 u 7 tad-Direttiva 2004/83, il-premessi 3 sa 6 tad-Direttiva 2005/85, il-premessi 8 sa 10 kif ukoll 12 u 13 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, p. 9), kif ukoll il-premessa 13 tad-Direttiva 2013/32.

37 — Id-Direttiva 2013/32 daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2013. Madankollu, kif tindika l-premessa 58 ta' din id-direttiva, l-Irlanda ma hijiex marbuta b'din tal-aħħar, skont l-Artikoli 1, 2 u 4(a)(1) tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattati UE u FUE.

eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja [38]". L-istabbiliment ta' proċedura unika ma hijiex biss fakultà, kif kien il-każ taħt is-sistema tad-Direttiva 2005/85, iżda jikkostitwixxi, illum il-ġurnata, obbligu li jippermetti wkoll lil-leġiżlatur tal-Unjoni jissemplifika u jirrazzjonalizza l-proċeduri ta' eżami għat-talbiet ta'ażil kif ukoll inaqqas mill-piż amministrattiv tal-Istati Membri.

57. Dawn l-elementi juru, jekk dan kien meħtieġ, li l-applikant għalażil ma għandux għad-dispożizzjoni tiegħu — u ma għandux ikollu — il-possibbiltà li jagħżel bejn forma jew oħra ta' protezzjoni internazzjonali. Bħal ma osserva, ġustament, il-Gvern Belġjan waqt is-seduta, l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali għaldaqstant ma għandux jiddependi minn evalwazzjoni suġġettiva tal-applikant u huwa ma għandux jingħata din il-possibbiltà fid-dawl ta' interessi reali jew allegati. It-talba tiegħu għandha bilfors tiġi eżaminata fir-rigward tal-kriterji ta' ammissjoni għall-istatus ta' refuġjat u huwa biss fin-nuqqas tal-eliġibbiltà għal dan tal-aħħar li allura jkun jista' jitlob li jibbenefika minn forma sussidjarja ta' protezzjoni. Din l-evalwazzjoni timponi ruħha tkun xi tkun l-istruttura tal-proċedura adottata mill-Istat Membru, kemm jekk din tkun ikkonċentrata fi proċedura unika kif ukoll jekk tkun proċedura bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, f'dan ir-rigward dawn iż-żewġ proċeduri ftit li xejn jiddistingwu ruħhom.

58. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jien konvint li r-regola proċedurali inkwistjoni tiggarantixxi lill-applikant għal żil aċċess effettiv għad-drittijiet mogħtija lilu permezz tad-Direttiva 2004/83, u dan f'konformità mal-prinċipju ta' effettività.

59. Jien ukoll tal-opinjoni li tali leġiżlazzjoni tiżgura l-amministrazzjoni tajba tat-talba għal protezzjoni internazzjonali, inkwantu tirrikjedi l-eżami minn qabel ta' din tal-aħħar, fid-dawl tal-kundizzjonijiet li jistabbilixxu l-istatus ta' refuġjat.

C – *Dwar l-osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba*

60. Skont il-premessa 10 tad-Direttiva 2004/83 u l-premessa 8 tad-Direttiva 2005/85, il-leġiżlatur tal-Unjoni ntrabat li jirrispetta d-drittijiet fundamentali fl-istabbiliment tar-regoli sostantivi u proċedurali marbuta mal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Dan tal-aħħar għalhekk ħares sabiex l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiggarantixxu lill-persuna kkonċernata d-dritt tagħha għal amministrazzjoni tajba, u dan isib it-twettiq tiegħu fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2005/85, billi jgħaddilhom l-oneru ta' ċerti obbligi proċedurali.

61. Ċertament, kif rajna, l-Istati Membri ma humiex marbuta japplikaw dawn il-garanziji proċedurali għall-eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja, meta din it-talba taqa' fl-ambitu ta' proċedura amministrattiva distinta minn dik għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat. Dan jirriżulta mil-limiti tal-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/85. Madankollu nfakkar li jibqgħu marbuta li jiggarantixxu l-osservanza tad-dritt għal amministrazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata inkwantu, minn naħa, l-għoti ta' protezzjoni sussidjarja jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u min-naħa l-oħra, id-dritt għal amministrazzjoni tajba mhux biss jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni iżda huwa wkoll dritt fundamentali.

62. Il-portata ta' dan id-dritt hija wiesgħa ħafna.

63. Skont l-Artikolu 41(1) tal-Karta, id-dritt għal amministrazzjoni tajba jirrikjedi li "dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli". Skont l-Artikolu 41(2) tal-Karta, dan id-dritt "jinkludi" d-dritt li kull persuna tinstema', qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha negattivament [39], id-dritt ta' kull persuna li jkollha aċċess għall-fajl li

38 — Ara wkoll, il-premessa 22 tad-Direttiva 2013/32. Il-korsiv miżjud minni.

39 — Sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq (punt 82).

jikkonċernaha, filwaqt li jiġu rrispettati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-segretezza professjonali u tan-negozju, kif ukoll l-obbligu għall-amministrazzjoni li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha. Kif stqarret il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha M., iċċitata iktar 'il fuq, din id-dispożizzjoni hija, kif jirriżulta mill-kliem tagħha stess, ta' applikazzjoni ġenerali [40].

64. Fil-kuntest tas-sistema ta'ażil Ewropew komuni, id-dritt għal amministrazzjoni tajba huwa stabbilit fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2005/85. Huwa jikkonkretizza ruħu permezz tar-rikonoxximent ta' obbligi proċedurali imposti fuq l-awtorità amministrattiva u l-istabbiliment ta' kooperazzjoni stretta bejnha u l-applikant għalażil. Id-dritt għal amministrazzjoni tajba għandu jippermetti għalhekk id-determinazzjoni konkreta tal-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali tal-persuna kkonċernata. Għal dan il-għan l-Artikolu 8(2)(a) tad-Direttiva 2005/85 jirrikjedi mill-awtorità nazzjonali determinanti li teżamina individwalment, oġġettivament u imparzjalment, it-talba għal protezzjoni internazzjonali. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tal-imsemmija direttiva jirrikjedi, barra minn hekk, li din il-proċedura tiżvolġi malajr kemm jista' jkun, abbażi ta' eżami xieraq u komprensiv tal-elementi fattwali u ċirkustanzjali li fuqhom hija msejsa t-talba. Fl-aħħar nett, skont l-Artikoli 10 u 13 tad-Direttiva 2005/85, l-awtorità nazzjonali determinanti għandha tiżgura l-osservanza tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonċernata permezz ta' laqgħat ippersonalizzati li matulhom din tal-aħħar għandu jkollha l-opportunità li tesponi s-sitwazzjoni personali tagħha b'mod kunfidenzjali u, jekk meħtieġ, bl-għajnuna ta' interpretu. Għal darba oħra, it-totalità ta' dawn l-obbligi proċedurali għandhom l-għan li jiggarantixxu lill-persuna kkonċernata l-għoti ta' status xieraq skont il-kliem tal-Artikolu 78(1) TFUE kif ukoll l-aċċess effettiv għad-drittijiet mogħtija lilha permezz tad-Direttiva 2004/83.

65. Issa, billi rrikjediet eżami minn qabel tat-talba mill-perspettiva tal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, ġie kkonstatat li r-regola proċedurali inkwistjoni tissodisfa għal kollox dawn l-għanijiet.

66. Madankollu, H. N. u l-Kummissjoni jisħqu li din ir-regola proċedurali ma tiggarantixxix l-imparzjalità u l-iżvolġiment ta' malajr tal-eżami.

67. Minn naħa, huma josservaw li minħabba l-effett ta' din il-leġiżlazzjoni, l-applikant għal protezzjoni sussidjarja jħabbat wiċċu ma' għadd ta' stadji proċedurali li, b'mod inevitabbli, itawwlu ż-żmien diġà eċċessiv tal-proċeduri fl-Irlanda. Il-Kummissjoni tinnota, f'dan ir-rigward, li l-imsemmija leġiżlazzjoni "timponi fuq l-applikant il-parteċipazzjoni tiegħu f'finzjoni [41]" meta jintroduċi talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat jew inkella meta "[jiġi sfurzat] jgħaddi mill-formalità ta' proċedura li hija ddestinata li tfalli [42]", li b'mod inevitabbli joħloq dewmien fl-evalwazzjoni tat-talba għal protezzjoni sussidjarja.

68. Min-naħa l-oħra, H. N. u l-Kummissjoni jqisu li r-regola proċedurali ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' imparzjalità, inkwantu t-talba għal protezzjoni sussidjarja tiġi introdotta meta l-Minister for Justice, Equality and Law Reform mhux biss ikun ċaħad it-talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, iżda wkoll ikun wasal biex jadotta d-deċiżjoni ta' trasferiment lejn il-fruntiera fil-konfront tiegħu. Konsegwentement, skont il-Kummissjoni, il-proċedura tkun "diġà orjentata li titwarrab [u l-Minister for Justice, Equality and Law Reform ikun] dispost fi ħsiebu li jiffavorixxi t-tkeċċija [43]", u dan imur kontra r-rekwiżiti ta' ekwità u ta' imparzjalità.

40 — *Ibidem* (punt 84).

41 — Punt 43 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

42 — Punt 41 ta' dawn l-osservazzjonijiet.

43 — Punt 42 tal-imsemmija osservazzjonijiet.

69. Filwaqt li nikkondividi l-preokkupazzjonijiet għal dak li għandu x'jaqsam mat-tul tal-proċeduri għal eżami tat-talbiet għall-ażil fl-Irlanda [44], inqis madankollu li l-kriterji mqajma f'dan ir-rigward minn H. N. u mill-Kummissjoni iktar jikkonċernaw l-ekonomija tal-ġudizzju fit-totalità tagħha milli l-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Huwa minnu li din tal-aħħar iżżid stadju proċedurali, inkwantu l-awtorità nazzjonali determinanti hija marbuta teżamina t-talba għal protezzjoni internazzjonali fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83 għall-finijiet ta' kisba tal-istatus ta' refuġjat u, eventwalment, fir-rigward ta' dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva għall-finijiet tal-għoti tal-protezzjoni sussidjarja. Barra minn hekk nemmen li l-ħeffa tal-proċedura tikkontribwixxi mhux biss għaċ-ċertezza legali tal-applikant iżda wkoll għall-integrazzjoni ta' dan tal-aħħar.

70. Għal din ir-raġuni, inqis li dan l-eżami jikkostitwixxi preliminari indispensabbli li ma jistax jiġi evitat mill-Istati Membri inkella jkunu qed iċaħħdu lill-persuna kkonċernata mid-drittijiet mogħtija lilha bid-Direttiva 2004/83 u li jiksru l-ispirtu li fuqu hija msejsa s-sistema ta'ażil Ewropew komuni.

71. Barra minn hekk, ma jidhirlix li dan l-eżami minn qabel huwa s-sors tad-dewmien eċċessiv fil-proċedura peress li, skont l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, id-dewmien iktar jimmaterjalizza ruħu fl-istadju tal-eżami tat-talba għal protezzjoni sussidjarja [45]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-imsemmi eżami minn qabel ma jwassalx għal dewmien eċċessiv fil-kuntest tal-proċeduri mibdija fl-Istati Membri l-oħra. Konsegwentement, ma nqisx li l-esklużjoni tal-eżami tat-talba mill-perspettiva tal-kundizzjonijiet li jiffissaw l-istatus ta' refuġjat hija ġustifikata għaliex jittieħed inqas żmien. Min-naħa l-oħra, hija neċessarja sabiex tiġi żgurata l-garanzija u l-kompletezza tad-drittijiet.

72. Ser neżamina issa l-ħsibijiet espressi minn H. N. u mill-Kummissjoni għal dak li jikkonċerna l-imparzjalità tal-proċedura.

73. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri żewġ aspetti, dak tal-imparzjalità suġġettiva u dak tal-imparzjalità oġġettiva. L-imparzjalità suġġettiva tirrikjedi li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata ma juri li jxaqleb lejn parti partikolari jew li għandu preġudizzju personali, fejn il-preżunzjoni ta' imparzjalità personali tissussisti sakemm jiġi pprovat il-kuntrarju. Għal dak li jikkonċerna l-imparzjalità oġġettiva, din tirrikjedi li l-istituzzjoni toffri garanziji suffiċjenti biex teskludi, f'dan ir-rigward, kwalunkwe dubju leġittimu [46].

74. Jeħtieġ li jingħad, qabel kollox, li ma jeżisti xejn fil-proċess li jista' jqajjem kwistjonijiet dwar l-imparzjalità personali tal-Minister for Justice, Equality and Law Reform, peress li H. N. ma pproduċa l-ebda prova f'dan ir-rigward li tista' tagħti lok għal din l-analiżi.

75. Barra minn hekk, ma nikkondividix it-tħassib espress dwar l-imparzjalità oġġettiva tal-proċedura.

76. Minn naħa, jeħtieġ jitfakkar li tkun xi tkun l-istruttura tal-proċedura, l-eżami tat-talba għal protezzjoni sussidjarja dejjem issir wara d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-istatus ta' refuġjat.

77. Min-naħa l-oħra, irid jingħad li meta l-Minister for Justice, Equality and Law Reform jibda jeżamina t-talba għal protezzjoni sussidjarja, dan tal-aħħar ma jkunx għadu adotta d-deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward tal-persuna kkonċernata. Skont l-Artikolu 3(3) tal-Liġi tal-1999 dwar l-immigrazzjoni, il-Minister for Justice, Equality and Law Reform ikun biss innotifika l-intenzjoni tiegħu li jadotta tali deċiżjoni. Din in-notifika għandha sservi biex tispjega lil persuna kkonċernata li wara ċ-ċaħda tat-talba tagħha għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, din tal-aħħar ma għandhiex iktar

44 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 112 sa 115 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża li tat lok għas-sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq.

45 — Fil-kuntest tal-kawża li tat lok għas-sentenza M., iċċitata iktar 'il fuq, ġie ddikjarat li l-eżami tat-talba tal-persuna kkonċernata għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat dam sitt xhur u nofs, u dak relatat mat-talba tagħha għal protezzjoni sussidjarja dam 21 xahar.

46 — Ara d-digriet tal-15 ta' Diċembru 2011, Altner vs Il-Kummissjoni (C-411/11 P, punt 15), kif ukoll is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni (C-439/11 P, punt 155 u l-ġurisprudenza ċċitata).

għad-dispożizzjoni tagħha titolu leġittimu li jippermettilha tibqa' fit-territorju, konsegwenza li wieħed jiltaqa' magħha fl-Istati Membri kollha. Hija għandha wkoll tinformaha dwar id-drittijiet li għandha f'dan l-istadju tal-proċedura. B'mod partikolari u konformi mal-Artikolu 4(1) tar-regolament tal-2006, l-imsemmija notifika tinforma lill-persuna kkonċernata li tista' titlob l-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja kif ukoll awtorizzazzjoni temporanja biex tibqa' fit-territorju. Hija għalhekk għandha tinkludi nota dwar il-protezzjoni sussidjarja kif ukoll formola li tippermetti li titressaq it-talba. Minbarra l-informazzjoni personali, l-applikant jiġi mistieden jikkomunika d-dokumenti supplimentari kollha u jagħti d-dettalji tar-raġunijiet relatati speċifikament maċ-ċirkustanzi invokati insostenn tat-talba tiegħu għall-protezzjoni sussidjarja, billi jiġi ppreċiżat, b'mod partikolari, il-preġudizzju serju li jista' jġarrab kemm-il darba jmur lura fil-pajjiż tiegħu ta' oriġini. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, huwa għalhekk diffiċli li wieħed jattribwixxi lill-Minister for Justice, Equality and Law Reform, "ħsibijiet li jiffavurixxi l-espulsjoni", peress li l-għoti tal-protezzjoni sussidjarja tippermetti lill-persuna kkonċernata tikseb permess ta' residenza regolari fit-territorju.

78. Fl-aħħar nett, ma nikkondividix l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni li tali leġiżlazzjoni "timponi fuq l-applikant il-parteċipazzjoni tiegħu f'finzjoni" jew inkella "[tisfurzah] jgħaddi mill-formalità ta' proċedura li hija ddestinata li tfalli", li jippreġudika l-effikaċja tal-proċedura. Fil-fatt, wieħed ma jridx ineħħi minn quddiem għajnejh l-għan aħħari ta' din il-proċedura. Ma aħniex fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva klassika li għandha l-għan, pereżempju li tagħti tnaqqis fiskali jew toħroġ permess għall-bini. Il-proċedura amministrattiva għandha l-għan li tagħti dritt fundamentali, jiġifieri d-dritt ta'ażil u dan l-eżami minn qabel għandu jippermetti li tingħata deċiżjoni ta' importanza vitali għal dak li, b'mod leġittimu, qed ifittex il-protezzjoni internazzjonali. Din ma hijiex kwistjoni għalhekk li jiġi "sfurzat" jagħti lok għal proċedura amministrattiva supplimentari, iżda pjuttost li jiġu aċċertati, fil-konfront tiegħu, l-evalwazzjoni komprensiva tat-talba tiegħu u l-garanzija tad-drittijiet l-iktar xierqa għas-sitwazzjoni tiegħu fl-Istat Membru ospitanti. Lanqas għalhekk ma hija kwistjoni ta' parteċipazzjoni f'finzjoni peress li, ikun xi jkun, kultant ikun diffiċli ħafna li jiġi ddeterminat b'ċertezza, fi stadju preliminari tal-fajl, jekk l-individwu jirriskjax, ladarba jirritorna lejn il-pajjiż tiegħu ta' oriġini, li jiġi "[p]persegwitat", fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83, jew li jsofri "periklu serju", fis-sens tal-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, fejn barra minn hekk il-kontenzjuż tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa prova ċara ta' dan.

79. Fid-dawl ta' dawn l-elementi għalhekk, jien tal-opinjoni li r-regola proċedurali inkwistjoni, inkwantu tirrikjedi l-eżami minn qabel tat-talba għal protezzjoni internazzjonali, fid-dawl tal-kundizzjonijiet li jistabbilixxu l-istatus ta' refuġjat, tissodisfa l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta.

80. Xorta jibqa' l-fatt li l-Irlanda tibqa' marbuta torganizza l-proċedura tagħha b'mod li t-talbiet għalażil jiġu eżaminati bl-iktar mod effikaċi possibbli, bl-għan tal-ħeffa segwit mid-Direttiva 2005/85. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 23(4) tad-Direttiva 2005/85, l-Istati Membri jistgħu jaċċelleraw il-proċedura ta' eżami relatata mal-kundizzjonijiet stabbiliti għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat, meta l-applikant ma jistax manifestament jitqies bħala tali jew meta t-talba hija manifestament ftit konvinċenti minħabba dikjarazzjonijiet li ma tantx huma plawżibbli jew huma insuffiċjenti.

81. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-Direttiva 2004/83, moqrija fid-dawl, minn naħa, tar-regoli u l-garanziji proċedurali stabbiliti fil-kuntest tad-Direttiva 2005/85 u min-naħa l-oħra tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix regola proċedurali nazzjonali li tissuġġetta l-eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja, għaċ-ċaħda minn qabel ta' talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat.

III – Konklużjoni

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej lis-Supreme Court:

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, moqrija fid-dawl, minn naħa, tar-regoli u l-garanziji proċedurali stabbiliti fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE, tal-1 ta' Diċembru 2005, dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat, u, min-naħa l-oħra tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix regola proċedurali nazzjonali li tissuġġetta l-eżami ta' talba għal protezzjoni sussidjarja għaċ-ċaħda minn qabel ta' talba għall-kisba tal-istatus ta' refuġjat.